**KUNSILL LOKALI TAL-MTARFA**

---

## IL-ĦAMES LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 20 – IL-ĦAMIS 23 TA' DIĊEMBRU 2010 FIS-7.30 PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti laqgħa numru 18**

Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Is-Sindku Anthony Mifsud ippropona li jiġu approvati l-minuti. Il-Vici Sindku Simon Paul Fenech issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Qari u approvazzjoni tal-Minuti laqgħa numru 19**

Ma kienx hemm korrezzjoni fil-minuti. Il-kunsillier Antoine Vella ppropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sindku Anthony Mifsud issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Ħlasijiet u Pagamenti**

Il-Kunsillier Helen Maria Bugeja ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sindku Anthony Mifsud issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

***4 Performance Bonus***

4.1 Gie diskuss il-*performance* tal-iskrivan tal-kunsill, is-Sur Joe Spiteri. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv irrimarka li s-Sur Spiteri jagħmel l-almu tiegħu. Hu rrakkomanda li dan għandu jingħata 6% *performance bonus*. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

4.2 Kien hemm diskussjoni fuq il-*performance* tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil unanimu li l-*performance bonus* għandu jkun ta' 10%.

**5 Kommunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

5.1 Ġie deċiż li jsir ix-xogħol fuq il-ġiebja li hemm fil-pjazza biex tibda tiffunzjona il-funtana li hemm. Ġie deċiż ukoll li jitwaħħlu 6 bankijiet fejn wieħed jista' jpoġġi u jagħmel użu mill-WIFI

5.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li se tingħata l-informazzjoni lill-persuna li ġiet inkarigata tieħu ħsieb il-website fl-laqgħa li għandha ssir fl-10 ta Jannar.

5.3 Il-Kunsill ġie infurmat li irċieva Avviż ta' Talba fit-Tribunal għal talbiet żgħar li jirrigwardja il-każ tas-Sur Charles Zahra. Id-data hija l-24 ta' Frar 2011.

5.4 Il-Kunsill ġie infurmat li t-talba tiegħu biex tissemma Triq, "27 ta' April, Jum l-iMtarfa" ġiet aċċettata u twaħħlu t-tabelli tal-ismijiet skont kif ġew indikati.

5.5 Il-Kunsill ġie infurmat li ġew sottomessi t-talbiet għal devoluzzjoni għal *Water Tower, Isolation Hospital* u *Sister's Quarters*. L-ispiża għar-restawr ta' dawn huwa stmat li jaqbeż il-miljun euro. Diġà saru l-laqgħat mal-MEUSAC għall-fondi mill-Ewropa.

5.6 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-allokazzjoni finanzjarja tal-kunsill għas-sena 2011 hija ta' 227,846 euro.

5.7 Ġie deċiż li jsir it-tindif tal-*culverts* f'Toroq Vincenzo Bonello u Prosperina. Dan it-tindif għandu jsir mis-Sur Mario Sant bi prezz ta' 1097 euro li hija l-*quotation* li huwa ssottometta.

5.8 Ġie deċiż li l-Ħolqa, il-fuljett tal-kunsill, jinħareġ b'inqas paġni imma erba' darbiet fis-sena: Marzu, Ġunju, Ottubru u Diċembru. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu wkoll iservi ta' Editur ta' dan l-fuljett.

5.9 Ġie deċiż li l-laqgħa tal-lokalità għandha ssir nhar il-Ħamis, 27 ta Jannar fis-7.00pm

5.10 Il-Kunsill ġie nfurmat li għandha titwaħħal *notice board* mill-MEPA, li se tintuża' biex tinforma lill-pubbliku fuq applikazzjonijiet fil-lokal.

5.11 Ġie deċiż li ssir applikazzjoni għall-iskema tal-Awtorità tad-Djar: "Riġenerazzjoni f'oqsma tal-binijiet tal-gvern"

5.12 Il-Kunsill ġie nfurmat li saret it-talba lill-Enemalta biex id-dawl fil-parti komuni f'Binja Msieraħ jiġi mqabbad mal-i*street lighting*. Ġie ukoll kkommunikat talba ta' għajnuna lill-Awtorità tad-Djar rigward l-ispejjeż involuti biex isiru dawn il-bozoz.

5.13 Ġie deċiż li jsir xogħol ta' tisbiħ fuq il-biċċa art żgħira li hemm fi Triq Caraffa. Dan wara li jintalab permess mill-Awtorità tad-Djar.

Il-laqgħa ġiet sospiża fit-8.20pm biex issir spejgazzjoni minn uffiċjali tal-*Melita Cable* rigward l-proposta tagħhom biex jitwaħħal apparat fuq it-Torri tal-Arloġġ. Il-laqgħa kompliet fid-8.45pm.

**6** Il-Kunsill iddiskuta l-proposta tal-*Melita Cable* biex jitwaħħal appart fuq it-Torri tal-Arloġġ u l-pakkett finanzjarju li tinkludi ħlas ta' darba l-ammont ta' 1500 euro kif ukoll ħlas ta' 2500 euro fis-sena. Il-ftehim ikun ta' ħames snin. Il-kunsill ħass li aħjar isir *site meeting* mal-uffiċjali tal-*Melita* u dawn ikollhom magħhom *sample* tal-apparat li se jitwaħħal mat-torri qabel ma' tittieħed deċiżjoni. Il-Melita għandhom jagħmlu kuntatt mas-Segretarju Ezekuttiv jew

mal-Kunsillier Anatole Scerri Debono peress li dan kien il-kunsillier li kien għamel il-kuntatt inizjali

**7 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

7.1 Ġie deċiż li nerġgħu napplikaw ma' TM biex ssir *sleeping policeman* fi Triq Theuma Castelletti.

7.2 Is-Sindku nforma lill-kunsill li kellu jċempel lill-Ministeru biex tissolva l-problema ta' dawl maqtugħ fit-Triq Prosperina

7.3 Ġie deċiż li napplikaw għall-*istreet lighting* fl-*area* ta' wara Binja Qleghja u li ssir tisbieħ f'din iz-zona.

7.4 Ġie deċiż li jiddawwal il-monument tal-*Fire Station* fis-*soft area* ta' Binja Ġebel Dwejra.

7.5 Gie anness il-programm tal-milied mal-minuti. Kien hemm qbil unanimu li l-attivitajiet li saru kienu ta' suċċess.

7.6 Gie deċiz li ssir lagħqa mal-kummitat ta' Binja Qlegħja

**8 Aġġornamenti u xogħlijiet**

8.1 Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Kien hemm xi *wiring* mat-tiżjin tal-Milied li għadu mdendel, u li hemm 2 mit-tizjin fi Triq Carafa li għadhom mitfijin. Kien hemm żewġ siġar li ġew misruqa minn dawk li tħawlu fi Sqaq Alessi. Ġie deċiż li l-ħadid li hemm madwar l-istatwa ta' San Nikola jiġi restawat u mhux mibdul. Infurma ukoll lil kunsill li f'Diċembru iltaqa ma uffiċjali tal-Enemalta wiring temporanju sakemm jitranga l-ħsarat. Ipprezenta pettizzjoni minn għand rezidenti li rridu li s-softarea ħdejn binja San David issir parking area. Gie deċiz li din tkun inkulda f'iskema li se naplikaw mal-Housing Authority.

8.2 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Ġie deċiz li titwaħħal *Salva Vita* mal-arloġġ tad-dawl li jinsab fil-*Clock Tower*. Ġie deċiż ukoll li jitwaħħlu t-tabelli ta' direzzjoni għas-saħħa primarja.

8.3 Il-Kunsilliera Helen Maria Bugeja ġabet għall-attenzjoni tal kunsill li:

Il-problema li hemm quddiem is-Sur Schembri għadha ma ssolvietx.

8.4 Il-Kunsillier Antoine Vella ġab għall-attenzjoni tal-kunsill li:

Kien hemm *shelter* ta' żmien il-gwerra li kellu pusses tiegħu s-Sur Harry Scarpello li ried jgħaddieh lill-kunsill għal użu ta' wirjiet.

**9 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fl-10.15pm. Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir fit-12 ta' Jannar 2011 fit-8.15 pm.

__________________________ __________________________

**Kurt Guillaumier**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Anthony Mifsud**
**Sindku**